



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

14531/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0401 (NLE)

INST 456
CDR 160

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Novembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 782 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 782 final.

Mehmuż: COM(2018) 782 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2018
COM(2018) 782 final

2018/0401 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-Artikolu 305 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula li l-għadd ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat") ma għandux jaqbeż it-350.

Sad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-kompożizzjoni tal-Kumitat kienet stipulata fit-Trattati. Minn hemm 'il quddiem, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 305 TFUE jistipula li l-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Kumitat.

Ta' min ifakkar li l-Artikolu 300(5) TFUE jistipula li r-regoli li jirregolaw in-natura tal-kompożizzjoni tal-Korpi Konsultattivi "għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari mill-Kunsill sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u demografiċi fi ħdan l-Unjoni. Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjonijiet għal dan il-għan."

Mill-1 ta' Lulju 2013, il-kompożizzjoni tal-Kumitat ġiet adattata bl-Artikolu 24(1) tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja¹ u l-Artikolu 24(2) kien jistipula żieda temporanja fin-numru ta' membri tal-Kumitat għal 353 biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja. Għall-perjodu 2015-2020, fis-16 ta' Diċembru 2014 il-Kunsill adotta d-deċiżjoni li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat² għall-finijiet ta' konformità man-numru massimu ta' 350 previst fit-Trattat. Dan wassal għat-tnaqqis ta' siġġu wieħed għad-delegazzjonijiet tal-Estonja, Ċipru u l-Lussemburgu rispettivament.

Il-mandat attwali tal-Kumitat se jintemm fil-25 ta' Jannar 2020. Għaldaqstant, huwa neċessarju li l-Kunsill jadotta deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat fil-ħin qabel il-Kunsill iniedi l-proċedura għat-tiġdid tal-Kumitat għall-perjodu 2020–2025.

Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2019 se jirriżulta f'24 siġġu battal fil-Kumitat.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-bilanċ attwali fil-kompożizzjoni tal-Kumitat jenħtieġ li jinżamm kemm jista' jkun, peress li huwa r-riżultat ta' Konferenzi Intergovernattivi suċċessivi.

Għaldaqstant, qed jiġi propost li l-Estonja, Ċipru u l-Lussemburgu jingħataw lura t-tliet siġġijiet li tilfu wara l-aħħar deċiżjoni li ddeterminat il-kompożizzjoni tal-Kumitat u li l-bqija tas-siġġijiet battala jitħallew bħala riżerva għal tkabbir possibbli fil-ġejjieni. Konsegwentement, fil-perjodu 2020–2025 il-Kumitat ikun kompost minn 329 membru.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Mhux applikabbli

¹ L-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 6–110).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/930/UE, ĠU L 365, 19.12.2014, p. 143–144.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-Kummissjoni tadotta din il-proposta b'mod parallel mal-proposta dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali. Il-paralleliżmu fir-rigward tal-allokazzjoni tas-siġġijiet bejn l-Istati Membri fiż-żewġ Kumitati jrid jinżamm.

It-Trattati ma jistipulaw xejn dwar il-metodu ta' kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jew tal-Kumitat tar-Reġjuni, dment li l-għadd massimu jkun 350 membru. Dan b'kuntrast għall-kriterji għall-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew li huma stipulati fl-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Filwaqt li l-Parlament huwa magħmul minn rappreżentanti eletti direttament miċ-ċittadini tal-Unjoni, il-Kumitat jikkonsisti f'rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali (l-Artikolu 300(3) TFUE). Għalhekk, l-għan ewlieni għandu jkun li jiġi żgurat li leħen ir-reġjuni u l-korpi lokali jinstema' fil-Kumitat u mhux li jkun hemm rabta diretta bejn id-daqs tal-popolazzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri.

Il-Komunikazzjoni "Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità: Insaħħu r-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE"³ tindika modalitajiet biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tagħhom jkunu jistgħu jimpenjaw ruħhom b'mod iktar effikaċi fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, u tqis li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu rwol importanti ta' faċilitatur.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 305 TFUE li jstipula li deċiżjoni unanima tal-Kunsill tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 305 TFUE jstipula li l-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Kumitat.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, IL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post* / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Waqt il-preparazzjoni tal-proposta attwali, il-Kummissjoni kienet fi djalogu mill-qrib ma' rappreżentanti tal-Istati Membri u kellha diversi laqgħat magħhom. Il-Kumitat bagħat ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni, abbażi tad-deċiżjoni tal-Bureau tat-3 ta' Lulju

³ COM(2018) 703 final, adottata fit-23 ta' Ottubru 2018.

2018⁴, għar-restituzzjoni ta' tliet siġġijiet lill-Estonja, Ċipru u l-Lussemburgu u biex l-ebda siġġijiet battala oħra ma jitqassmu mill-ġdid, u b'hekk l-għadd ta' membri għall-mandat 2020–2025 ġie ffissat għal 329.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta mhijiex akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt speċifika peress li mhux mistenni li se jkollha impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali sinifikanti.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

In-numru mnaqqas ta' siġġijiet b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jaf ikollu effett ta' tnaqqis fuq il-baġit kumplessiv tal-Kumitat.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Id-dħul fis-seħħ**

Huwa propost li l-Kunsill jipposponi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sal-għada ta' tmiem il-mandat attwali tal-Kumitat.

⁴ Ittra tal-President tal-Kumitat lill-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2018.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 300 tat-Trattat jistabbilixxi r-regoli għall-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2014/930⁵ adattat il-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni wara l-adeżjoni tal-Kroazja. L-Estonja, Ċipru u l-Lussemburgu rispettivament tilfu siġġu wieħed biex tiġi indirizzata d-diskrepanza bejn l-għadd massimu ta' membri stabbilit mit-Trattat u l-għadd ta' membri wara l-adeżjoni tal-Kroazja.
- (3) Il-preambolu tad-Deċiżjoni 2014/930/UE jgħid li għandha tiġi riveduta fi żmien adegwat għall-mandat tal-Kumitat li jibda fl-2020.
- (4) Fit-3 ta' Lulju 2018 il-Kumitat tar-Regġuni adotta rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar il-kompożizzjoni futura tiegħu⁶.
- (5) Jenħtieġ li l-bilanċ attwali fil-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni sa fejn hu possibbli jinżamm peress li huwa r-riżultat ta' Konferenzi Intergovernattivi suċċessivi.
- (6) Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea wassal għal 24 siġġu battal fil-Kumitat. B'konsegwenza ta' dan, huwa possibbli li jerġa' jinħoloq il-bilanċ fl-allokkazzjoni tas-siġġijiet li kien jeżisti qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2014/930.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kompożizzjoni tal-membri tal-Kumitat tar-Regġuni għandha tkun kif ġej:

Il-Belġju	12
Il-Bulgarija	12
Ir-Repubblika Ċeka	12
Id-Danimarka	9
Il-Ġermanja	24
L-Estonja	7

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/930/UE, ĠU L 365, 19.12.2014, p. 143–144.

⁶ Deċiżjoni tal-Bureau tal-Kumitat tar-Regġuni tat-3 ta' Lulju 2018.

L-Irlanda	9
Il-Greċja	12
Spanja	21
Franza	24
Il-Kroazja	9
L-Italja	24
Ċipru	6
Il-Latvja	7
Il-Litwanja	9
Il-Lussemburgu	6
L-Ungerija	12
Malta	5
In-Netherlands	12
L-Awstrija	12
Il-Polonja	21
Il-Portugall	12
Ir-Rumanija	15
Is-Slovenja	7
Is-Slovakkja	9
Il-Finlandja	9
L-Iżvezja	12.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mis-26 ta' Jannar 2020.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*